**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 15 ta' Jannar, 2020**

Numru 2

**Rikors Nru. 438/2019**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Mexico Garage Rent-A-Car Limited**

**Il-Qorti,**

Rat id-digriet tas-6 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-atti tas-subbasta 165/2004 kontra d-debitur Mexico Garage Rent-A-Car Limited, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni oppona ghal zbank ta' flus tad-debitur depozitati fil-Qorti mitlub mill-Bank of Valletta, it-tnejn kredituri tad-debitur;

Rat li l-Qorti appuntat lil Dr Josette Grech biex tipprezenta rapport wara li l-partijiet interessati gew notifikati skont il-ligi;

Rat l-atti u r-rapport ta' Dr Joseph Grech;

Rat li l-vertenza thalliet ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda billi taghmel riassunt ta' dak li wassal ghat-talba odjerna u ghal dan il-ghan qed tipproduci l-perkors ta' din il-vertenza kif riassunta abilment mill-perit legali Dr Josette Grech.

> Illi, permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Mejju 2019, din l-Onorabbli Qorti qieset li hemm lok ghal konkors tal-kredituri u ordnat il-ftuh tal-istess (a fol. 56 tal-process);
>
> Illi dan id-digriet gie moghti in segwitu ghal rikors ta' kompensazzjoni li kien sar mis-socjeta Bank of Valletta plc, li bih talbet li tigi approvata c-cedola ta' kompensazzjoni minnha mressqa ghall-ammont ta' wiehed u erbghin elf ewro (€41,000) depozitat permezz tac-cedola ta' depozitu numru 906/19 li saret fl-atti tas-subbasta nunmru 165/1004 wara l-bejgh bl-irkant tal-immobbli numru 68, Triq Zimelli, Hamrun;
>
> Il-bejgh bl-irkant sar fuq istanza tas-socjeta Bank of Valletta plc li, b'rikors datat 10 ta' Dicembru 2004 (a fol. 21 tal-atti tas-subbasta), talbet il-bejgh fis-subbasta ta' numru ta' fondi appartenenti lis-socjeta intimata Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited, fosthom il-fond bin-numru tmienja u sittin (68) gewwa Zimelli Street, gja Sqaq Zimelli, il-Hamrun, u dana sabiex tottjeni l-hlas tad-debitu lilha dovut wara li rrendiet ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li kellha favur taghha permezz ta' zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu datati l-21 ta' Dicembru 1999 in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (a fol. 3 sa 16 tal-process);
>
> B'digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2004, gie ordnat il-bejgh bl-irkant tal-proprjetajiet indikati fir-rikors fuq imsemmi;
>
> B'nota tat-12 ta' Novembru 2012 (a fol. 131 tal-atti tas-subbasta), il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara ai termini tal-artikolu 346 tal-Kapitolu 12 li qed jidhol bhala kreditur esekutant u dana bis-sahha tat-titolu ezekuttiv ossia l-ittra ufficjali bin-numru 3203/2012 datata 17 ta' Ottubru 2012;
>
> B'nota prezentata fit-18 ta' Jannar 2013, is-socjeta Highway Auto Company Limited ddikjarat li qed tidhol bhala kreditrici ezekutanti ohra fl-atti tas-subbasta u dana in forza tat-titolu ezekuttiv li kienet ottjeniet permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Jannar 2013 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (a fol. 141 et seq tal-atti tas-subbasta);
>
> Fit-3 ta' Settembru 2016 (a fol. 202 tal-atti tas-subbasta), il-fondi oggett tas-subbasta gew liberati lis-socjeta Bank of Valletta plc ghajr ghal fond bin-numru 68, Zimelli Street, Hamrun li gie liberat a favur ta' Jane Pace;
>
> B'nota ulterjuri tal-Kummissarju tat-Taxxi prezentata fis-6 ta' Ottubru 2016, dan talab li jidhol bhala kreditur ezekutant iehor bis-sahha tat-titolu ezekuttiv ossia l-ittra ufficjali bin-numru 3205/2012 datata 17 ta' Ottubru 2012;
>
> B'digriet li nghata fit-12 ta' Gunju 2017 fuq talba tas-socjeta Bank of Valletta plc (a fol. 255 tal-atti tas-subbasta), il-Qorti ordnat li jingieb mil-gdid in

subbasta l-fond bin-numru 68, Triq Zimelli, Hamrun u dana wara li Jane Pace, il-persuna li a favur taghha kien gie liberat il-fond inkwistjoni, ma kinitx ghaddiet biex tiddepozita l-prezz li bih giet liberata l-imsemmija proprjeta;

Fit-22 ta' Jannar 2019 gie liberat a favur is-socjeta Bank of Valletta plc il-fond bin-numru 68, fi Triq Zimelli, Hamrun ghal prezz ta' €41,000 animo compensandi (a fol. 358);

Minhabba opposizzjoni li saret mill-Kummissarju tat-Taxxi ghal kompensazzjoni mitluba mis-socjeta Bank of Valletta plc, il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri odjern.

Illi wara d-digriet tal-ftuh tal-konkors tal-kredituri, permezz ta' digriet ulterjuri datat 6 ta' Mejju 2019, din l-Onorabbli Qorti ordnat lir-registratur sabiex iwettaq il-pubblikazzjoni mehtiega ai termini tal-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-pubblikazzjoni saret fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Gunju 2019 (a fol. 59 tal-process), u fil-gazzetti lokali, wahda bil-Malti u l-ohra bil-lingwa Ingliza, din tal-ahhar saret fis-16 ta' Gunju 2019 (a fol. 61 sa 64 tal-process).

Skont il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019, il-Qorti qieset illi l-kredituri maghrufa gew notifikati;

Jirrizulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi rregistra l-pretensjoni tieghu permezz ta' rikors li jinstab a fol. 65 tal-process intavolat fit-13 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu gie ammess bhala kreditur b'digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Gunju 2019;

Jirrizulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi rregistra pretensjoni ulterjuri tieghu permezz ta' risposta li tinstab a fol. 50 et seq tal-process u pretensjoni ohra li ressaq permezz ta' nota li tinstab a fol. 69 tal-process. Ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi ma ressaqx it-talba formalment b'rikors sabiex jigi ammess bhala kreditur fil-konkors odjern ghar-rigward ta' dawn iz-zewg pretensjonijiet, l-esponenti tqis li bir-risposta u bin-nota tieghu l-Kummissarju gab 'il quddiem il-jeddijiet tieghu ghal fini tal-artikolu 416 fuq citat.

Jirrizulta li l-Bank of Valletta plc bhala kreditur ezekutant ma ressaqx talba fit-terminu prefiss ta' xahar sabiex iressaq il-pretensjonijiet tieghu kif irid l-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe kaz, il-posizzjoni tas-socjeta Bank of Valletta plc giet stabbilita fl-udjenza li saret quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2019, fejn il-Bank, filwaqt illi rrizerva d-drittijiet tieghu dwar il-kreditu dovut lilu, iddikjara li mhuwiex ser jippartecipa f'dan il-konkors bhala Bank u talba li in vista ta' dan ma jbatiex spejjez.

Jirrizulta wkoll lil Qorti illi ghalkemm is-socjeta Highway Auto Company dahlet bhala kreditrici ezekutanti fl-atti tas-subbasta, pero mbaghad ma irregistratx ruhha skont il-ligi biex tippartecipa fil-konkors.

Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-perit legali li illi l-kredituri ammessi sabiex jikkonkorru f'dawn il-proceduri huma s-segwenti:
Il-Kummissarju tat-Taxxi (bi pretensjonijiet li jirrigwardaw hlas ta' dwana u sisa, kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud) u
Il-Kummissarju tat-Taxxi (bi pretensjonijiet li jirrigwardaw hlas ta' taxxi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali u taxxi addizjonali.

**Krediti tal-kredituri ammessi fil-konfront ta' Mexico Garage Rent-A-Car Limited**
Il-Kummissarju tat-Taxxi huwa kreditur fil-konfront ta' Lewis Pace f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta Mexico Garage Rent-A-Car Limited in forza ta' ittra ufficjali prezentata fis-17 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha talab lis-socjeta Mexico Garage Rent-A-Car Limited biex thallas il-ammont ta' €41,651.69 rapprezentanti taxxa dovuti ai termini tal-Att tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u Sisa (a fol. 52 tal-process) oltre l-imghax ulterjuri dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Kummissarju tat-Taxxi huwa kreditur ukoll fil-konfront ta' Louis Pace personalment u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited in forza ta' ittra ufficjali prezentata fis-16 ta' Marzu 2010 ghall-ammont ta' €100,136 rapprezentanti €4,923 somma stabbilita skond ir-regola 24 tar-Regoli ta' 1998 dwar il-Final Settlement System (Avviz Legali 88/98) u l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u €95,213 somma stabbilita skont l-artikolu 116 tal-Att dwra is-Sigurta Socjali (Kap. 318) bhala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji tal-impjegati ta' snin bazi 1997 sa 2007 (a fol. 66).

Il-Kummissarju tat-Taxxi huwa kreditur bi kreditu ulterjuri fil-konfront ta' Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited in forza ta' ittra ufficjali prezentata fils-17 ta' Ottubeu 2012 ghall-ammont ta' €218,924.74 rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud ai termini tal-artikolu 59 tal-Att XXII tal-1998.

Jidher, li ghar-rigward tal-krediti msemmija fil-paragrafi precedenti, l-ittri ufficjali saru ghal finijiet u l-effetti tal-ligi partikolari rispettiva ghan-natura tal-kreditu dovut sabiex il-Kummissarju jottjeni titolu ezekuttiv (taht il-Kapitolu 318 – l-Att dwar is-Sigurta Socjali) jew inkella jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li jkun precedentement ottjena (taht il-Kapitoli 406 – l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u taht il-Kapitolu 372 – l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa). Ladarba ma tressqet ebda prova li Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited ikkontestat il-krediti skond il-procedura kontemplata fil-Ligi, il-Qorti qed tqis li fir-rigward ta’ dawn il-krediti il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu titolu ezekuttiv.

L-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12 jistipula illi l-konkors tal-kredituri ghandu jsir “[m]eta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta’ haddiehor jew qabilhom….”, fuq il-flus li jkunu gew iddepozitati fil-qrati superjuri.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet “Wara l-bejgh bis-subbasta Numru 14/09 u fl-atti tac-Cedola Numru 649/09 fl-ismijiet **Michael Attard Limited vs Lee Nathan Mayne** (PA 1405/2015) fejn fiha, dik il-Qorti ccitat b’approvazzjoni sentenza ohra ta’ din il-Qorti moghtija fil-procediment numru 469/1998 fis-27 ta’ Jannar 2003 fl-ismijiet Konkors tal-Kredituri ta’ Joseph Ellul fejn il-Qorti inter alia qalet is-segwenti:

> Din il-procedura giet istigata mill-fatt allegat fir-rikors tas-socjeta JAV Service Station Limited li fl-atti tac-Cedola Numru 750/96 hemm flejjes sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha fil-konfront tad-debitur taghha Joseph Ellul, liema kreditu jinsab kononizzat b' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-20 ta' Novembru 1992;
>
> Kif kien mistenni dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat li jsiru s-soliti avvizi konformement mad-dettami ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civil relattiv ghal proceduri "Fuq il-Konkorsi". Dawn jidher li saru ...
>
> Permezz ta' verbal fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 1999 dina l-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur. Dan minn naha tieghu nforma lill-Qorti b'nota ntavolata fis-27 ta' Novembru 2000 illi l-uniku

> konkorrent kienet biss is-socjeta` rikorrenti li ppromuoviet it-talba ghal konkors billi l-ebda haddiehor ma kkonkorra;
>
> Effettivament mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm kredituri ohra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur taghha s-socjeta` rikorrenti kienet ippremettiet illi hi ma setghetx tizbanka l-ammont kanonizzat favur taghha "peress illi terzi persuni jidhrilhom li ghandhom jedd" fuq il- bilanc tas-somma depozitata;
>
> Kif gustament rilevat mill-imsemmi kuratur fin-Nota tieghu l-procedura ntentata ma tilhaqx u ma tissodisfax r-rekwizit baziku ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kap. 12 fis-sens illi l-konkors tal-kredituri jirrikjedi almenu izjed minn zewg persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depozitati;
>
> Effettivament is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza ta' kredituri ohra li kellhom l-allegat jedd fuq id-depozitu jew bilanc tieghu. Li hu maghruf mill-korp tar-rikors promotur hu li anterjorment ghall-prezentata ta' din il-procedura kienu gja gew zbankati diversi ammonti ta' flejjes mis-somma inizjalment depozitata. Dan forsi jispjega ukoll u ahjar il-fatt illi ma kienx ghad fadal kredituri x'jikkonkorru;
>
> Dan kollu premess iwassal ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-procedura intentata mis-socjeta` rikorrenti saret "per inutile" u ma setghetx allura tigi attivata in kwantu, kif manifest, l-element essenzjali taghha ma jokkorrix ...
>
> Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha jew taghti provvedimenti ulterjuri kif mitlub, anke ghaliex, kif premess, il-procedura ntentata minn Joseph Meli nomine saret inutilment u ai termini ta' l-Artikolu 416 tal- Kap. 12 il- konkors tal-kredituri rikjest minnu ma huwiex konsentit. L-ispejjez tal-prezenti procedura huma a kariku ta' l-istess Joseph Meli nomine.

**Kwistjoni legali anomala**

F’dan il-kaz jidher li s-socjeta Bank of Valletta plc, li allura tat lok sabiex isir il-prodediment odjern meta intavolat ir-rikors u kontestwali cedola ta’ kompensazzjoni, ddikjarat formalment li ma hijiex qed tippartecipa f’dan il-konkors.

In oltre l-kreditur ezekutant l-iehor s-socjeta Highway Auto Company Limited ma ippartecipatx fil-konkors. Ghalhekk jidher li kien biss il-Kummissarju tat-Taxxi li qed jippartecipa fil-konkors f’dan l-istadju li qed jidher fil-vesti tieghu li tinkorpora l-funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Kummissarju fuq it-Taxxa tal-Valur Mizjud u Kontrollur tad-Dwana taht l-Atti tat-Taxxa rispettivi taghhom u qed jitlob tlett krediti (ara artikolu 3 Kap. 517 u Avviz Legali 2734/2014). Ghalkemm jista’ jidher li

hemm tlett krediti separati dovuti cioe taxxa tad-dhul, taxxa tal-VAT u taxxa tas-sisa, pero hu car li l-krediti biss huma distinti izda l-kreditur wiehed.

Ghalkemm il-Bank of Valletta iddikjarat li mhux ser tippartecipa fil-konkors xorta jrid jitqies il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi biex jigi stabbilit jekk kellux dritt jopponi ghall-izbank mitlub mill-BOV li waslu biex infethu dawn il-proceduri.

Skont l-artikolu 62 tal-Kapitolu 406:

> Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekomonika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna that dan l_Att u t-taxxa mesemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinstab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili"

Id-dispost tal-artikolu 116(3) tal-Kapitolu 318 jipprovdi li:

> Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi that dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileggjata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tal-Ewwel Klass, fl-istess grad bhal pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-principal u fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-perunsa li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghalija nnifisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggjati jew ipotekarji.

L-artikolu 23(11) tal-Kapitolu 372 jipprovdi li:

> Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, l-avviz ta' talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileggjata fuq l-assistit ta' min jimpjega (inkluzi l-assi tal-manager jew ufficjal principali f'kaz ta' body of persons) ta' grad minnufih wara l-pagi tal-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurt Socjali ghal ammonti li jkollhom jithallsu bhala kontribuzzjoni taht l-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali, u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggjati jew ipotekarji.

F'dan il-kuntest issir referenza ghal procediment fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Crown Hotels Limited** (deciz fit-28 ta' Marzu 2014) u l-procediment ta' **konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Limited** (deciz fis-27 ta' Frar 2009 u finalment fid-19 ta' Mejju 2011 wara ritrattazzjoni). Ta' importanza huwa dak pronunzjat mill-Qorti tal-Appell fil-kuntest tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 406:

> F'dan il- kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".
>
> Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il- proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill- assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l- assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l- ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).

Ghalhekk, il-Qorti tqis li minn ezami ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma rilevanti ghal krediti varji tal-Kummissarju u r-rizultanzi processwali, jirrizulta li l-krediti fiskali tal-Kummissarju tat-Taxxi jippregradwaw dawk tas-socjeta Bank of Valletta plc.

**Decide**

Fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li l-opposizzjoni tal-Kummissa rju tat-Taxxi ghar-rikors ta' kompensazzjoni intavolat mis-socjeta Bank of Valletta plc kienet gustifikata u ghalhekk it-talba ghall-approvazzjoni tat-tpacija mressqa mill-Bank of Valletta nhar id-29 ta' Jannar 2019 (a fol. 1) ghandha tigi michuda.

In vista ta' dak li gie sottomess qabel, mhemmx lok illi ssir gradwazzjoni tal-krediti tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur